# IS-SAJF

Kemm huwa sabiħ is-sajf. Ikollna ftit ħin iktar mis-soltu biex nistrieħu u mmorru sal-baħar u naqtgħu mir-rutina billi naħarbu għal ftit jiem bil-familja jew weħidna biex naraw xi post sabiħ barra minn xtutna.



Is-sajf jagħtina enerġija ġdida fil-ġisem u anke fl-ispirtu.

Fis-sajf ikollna ħin naqraw xi ktieb tajjeb, li jħallina mimlijin b'ikel għall-ispirtu u ideat fuq xi affarijiet li nistgħu nwettqu.

Is-sajf iġib bidliet mir-rutina imma ma għandux iservi biex naħarbu mill-essenza tal-affarijiet. In-Nisrani ma jiħux vaganza mill-ħajja tiegħu bħala dixxiplu tal-Mulej Ġesù.

Fis-sajf ma niħdux vaganza mill-quddiesa u t-talb u l-ħajja ta' servizz.

Fil-ġranet tal-festa waħda parruċċana qaltli, "Arċipriet il-festa kienet sabiħa, imma jekk ma nidħlux fil-knisja matul il-festa, għalxejn."

Ejjew ingawdu l-ġranet tal-mistrieħ li għandna. Ejjew niksru r-rutina tas-soltu. Fl-istess ħin niftakru dejjem fil-Mulej li jsejħilna kull fejn inkunu. Fid-dar, fil-baħar u anke meta nkunu msefrin.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**IS-SOLENNITÀ TAL-MADONNA TAL-KARMNU:** nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani n-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: Rużarju fil-5:30pm; Quddiesa Konċelebrata fis-6:00pm; Ċelebrant: Fr Marcello Ghirlando OFM. Kulħadd hu mistieden.

**L-GĦAQDA ARMAR TRIQ SAN ĠWANN:** se torganizza ġita għal Kemmuna nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju b'kollaborazzjoni mar-rettur tal-kappella ta' Kemmuna Dun Ġużepp Attard. It-tluq mill-Imġarr bil-luzzu se jkun fl-4:00pm u se tiġi ċċelebrata quddiesa mal-wasla f'Kemmuna. Wara se nagħtu ftit ħin għall-għawm u fis-7:00pm jibda t-tisjir tal-BBQ fil-bajja ta' Santa Marija. Għal aktar informazzjoni kellmu lil Marlon fuq 79563224 jew lil Arthur fuq 79288527.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 19 ta' Lulju fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa ser titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li għaliha ser ikun mistieden l-E.T. Mons. Arċisqof Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku li ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6:15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IL-ĦARĠA GĦALL-GŻEJJER TA' SAN PAWL B'RISQ IL-KAPPELLA TA' KEMMUNA:** se ssir nhar it-Tlieta 1 t'Awwissu minflok fil-11 t'Awwissu kif kien avżat qabel.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am